
MONS SION
IN JERUSAL



Id-Dejr Qadim
Tal-Griegi Ortodossi
Mibni
Fuq Ġebel Sinaj
Mill-Imperatur Ġustinjanu
Fis-sena 555 A.D.

It-Tmien Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1962 | Għadd 4

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

## LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

It-Tmien Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1962 | Għadd 4

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Ara li Dawlek ma Jkunx Dlam! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... 97

Kustodju Ġdid tal-Art Imqaddsa (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... 98

Dawra mal-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... ... ... ... ... ... ... 99

Ħdisa' Xhur fis-Salt
u l-Insara tat-Transġordanja (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... 103

Il-Ġisem . . . fil-Qawma tal-Imwiet (Ben Jehuża) ... ... ... ... ... 109

Il-Qabar tal-Patrijarki f'Hebron (P. Ġaċintu Faccio O.F.M.) ... ... ... 111

Min Kien Fahar id-Dîn (P. Gawdenzju Governanti O.F.M.) ... ... ... 116

It-Twelid ta' Ġesù (P. Anton Olivan O.F.M.) ... ... ... ... ... ... ... 120

San Ġwann l-Evanġelista (Fra Vangelist O.F.M.) ... ... ... ... ... 123

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 127

Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 128

*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il Belt.

# ARA LI DAWLEK MA JKUNX DLAM!

*Kemm hu sabîħ id-daqq tal-orgni, fil-knejjes, f'xi festa kbîra! Kemm jissieħbu tajjeb ma' xulxîn l-ilħna ta' dawk is-sfâfar, immexxija bil-qjies u bil-għaqal minn swâba ta' idejn imħarrġa! Ilħna rqâq; ilħna mdaqqsa; ilħna ħoxnîn. Jitilgħu u jinżlu. Jitwieġbu, u jitliegħbu flimkien; u dejjem iduru ma' leħen sħîħ, leħen ħakkiem, jiġifieri man-Nota Dominanti. Tistħajjlek li qiegħed tisma' il-għana ta' tifħîr tal-għammâra tas-sema: tal-kôri tal-Anġli, imxierka mal-ġlejjeb tal-qaddisîn: tfâl żgħâr u safja; żgħażagħ Martri; u xjûħ: Irħieb Appostli, Profeti u Patrijarki. U li tara f'nofshom, qalb is-sħâb ilellex tal-Ġenna, fuq Tron is-Sebħ, it-Tletija Mqaddsa, tilqa' l-ġîħ li jixirqilha mill-maħluqîn tagħha!*

*Bħal ma hu l-orgni tal-knisja, bis-sfâfar u l-ilħna tiegħu, hekk ukoll huwa l-moħħ ta' bin Adam, bil-ħsebijiet u l-fehmiet tiegħu. Ħsebijiet u fehmiet li jnisslu fîh ġibdiet u mħabba lejn dak li jemmen li hu ġîd, u skerrîh u mibgħeda lejn dak li jemmen li hu deni. U fuq kollox issaltan il-Fehma l-kbîra, li, bħan-Nota Dominanti, tiġbed warajha l-fehmiet l-oħra, u tmexxi kull egħmîl fil-ħajja. Għal hekk il-qofol tal-ħajja hija dîk il-Fehma, li titnissel f'moħħ bin Adam bil-ftît il-ftît, minn bokor ċkunitu, bla ma hu n-nifsu jintebah jew jaf kîf u għâla, u titbiġġel bil-qajl il-qajl, mat-tiġrîb ta' ma' tûl ħajtu. Dîk il-Fehma l-Kbira hija l-musbieħ, li biddawl tiegħu bin Adam jagħżel it-trîq li hu jemmen li jaqbillu jimxi fiha, li twasslu jew għal ħajja jew għat-telfien ta' dejjem. Għal hekk, jekk trîd tkûn Nisrâni tajjeb, oqgħod dejjem għajnejk miftûħa fuq dîk il-Fehma l-Kbîra. Ara li ma tkûnx jewilla tqarraq bîk: Ara jekk il-għan moħbi tal-egħmîl it-tajjeb tiegħek hux tas-sew il-qadi t'Alla, inkella l-ksîb tal-ġid u ġîħ ta' dîn id-dinja. Iftakar dejjem dik it-twissija ta' Ġesù u aħseb fuqha, u qîs ruħek biha: "ARA LI DAWLEK MA JKUNX DLAM!" (Luqa XI, 35). Jekk int miġjub min-nies u mfaħħar minnhom, għandek tas-sew għal fejn tibża', għax Ġesù l-Ħaj, Ġesù tal-Evanġelju kien dejjem f'ħajtu, immaqdar u mfixkel mill-kburîn u mill-hemmija. Hu n-nifsu stqarr li: "M'hemmx xrîk aqwa minn imgħallmu, jew qaddej aqwa minn sîdu" (Matt. X, 24). M'hux min jithenna f'Isem Ġesù f'din id-dinja jidħol f'Sebħu fid-dinja l-oħra. Kliem Ġesù fuq hekk hu tal-biża: "Wisq nies jgħidûli f'dak il-jum: 'Aħna kilna u xrobna miegħek! (Luqa XIII, 25) u ħabbarna f'Ismek u f'Ismek għamilna l-egħġubijiet!' Imma jien nistqarr u ngħidilhom: 'Jien qatt ma kont nafkom!... Warrbu minn hawn, ja nies li tagħmlu d-dnewwa!' " (Matt. VII, 22-23).*

*Iż-żmien itîr, u l-ħajja malajr tgħaddi. Bin Adam, filli tfâl; filli raġel; u filli xiħ, u l-mewt dejjem miexja miegħu. Il-ħajja qisha għebâra, li minnha jagħbar bin Adam mill-Eeternità tal-Qatt għall-Eternitá tad-Dejjem. Aħseb mela għan-naħa l-oħra, fejn għandek tasal bla nuqqâs! Kejjel il-għân tiegħek bil-kejl tal-Mulej, u iżen egħmîlek f'miżienu. Ara li ma titqarraqx, għax fid-dinja bin Adam jiġi darba u jekk did-darba jitlef, ma jistax jirbah darb'oħra. Qatt tħalli li toħroġ minn moħħok it-twissija tal-Imgħallem: "ARA LI DAWLEK MA JKUNX DLAM!" għax "Min jimxi fid-dlâm ma jkunx jaf fejn hu sejjer!" (Ġwann, XII, 35).*

**ID-DIREZZJONI**